# 264. Masu Martu u x-Xufier

Masu wasal l-infern b'nifsu maqtugħ,
u qagħad bil-qiegħda sakemm post jagħtuh;
kif kien iħares u jistenna l-ħin,
lemaħ lil martu u lix-xufier deħlin.

"Mas," qaltlu l-mara, "Ta' x'hiex sabuk ħati
biex ġol-infern bagħtuk għal dejjem tbati?"

"Imħabba binti," Masu qal, "li jien
kont tant ferħan li kelli wara żmien;
bil-fsied u biż-żegħil minni rvinata
spiċċat tagħmel li trid, spiċċat sfrattata."

Wieġbet il-mara: "Jien u dan flimkien
inbatu ġejna dejjem fin-nirien,
għaliex lil bintek, biex int tkun kuntent,
flimkien nissilna barra s-sagrament."

"Dana," qal ix-xufier, "mhux diżonur:
jien għint kemm lis-sinjura u lis-sinjur!"